Parroċċa Qalb bla tebgħa ta' Marija

Burmarrad

N°: 22/17

**AVVIŻI**

**28 ta' Mejju 2017**

Illum l-aħħar Ħadd tax-xahar. Il-ġabra speċjali tmur għall-bżonnijiet tal-parroċċa.

--------------

Nhar it-Tlieta 30 ta' Mejju niċċelebraw l-anniversarju tad-Dedikazzjoni tal-Knisja. Fis-7pm issir quddiesa solenni kkonċelebrata. Inqaddsu dan il-jum għażiż għall-komunità tagħna bis-sehem tagħna fil-quddiesa.

Minħabba raġunijiet personali ta' saħħa persuna li għall-aħħar deċenni ħadet ħsieb il-ħasil u l-mogħdija tat-tvalji tal-altar ma tistax tagħmel dan ix-xogħol aktar. Filwaqt li nirringrazzjawha tax-xogħol li għamlet biex jinżamm l-altar b'mod dinjituż nitolbu li jkun hawn persuni oħra li jistgħu jgħinu f'dan is-servizz. Min hu interessat ikellem lill-kappillan. Huwa servizz ta' unur li wieħed iħejji l-altar għaċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija.

Matul din il-ġimgħa tlesta għal kollox ix-xogħol fuq il-linef tal-knisja. S'issa diġà tħallsu 9 linef u jonqos biss l-aħħar 3. L-ispiża għal kull waħda hija ta' €75. Kull offerta tkun apprezzata.